TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

CCT/64/21/S

Rita Schembri

vs

MRCD Ltd u Pierre Camilleri

Illum 5 ta' Diċembru, 2024

It-Tribunal,

Ra t-Talba ta' Rita Schembri ppreżentata fit-13 t'April, 2021 u r-risposta tas-soċjetà MRCD Limited ippreżentata fl-10 ta' Settembru, 2021 u kif ukoll ir-risposta ta' Pierre Camilleri ppreżentata fit-22 ta' Novembru 2021;

Ra d-dokumenti ppreżentati, sema' lill-partijiet, u kif ukoll it-trattazzjoni tagħhom magħmula waqt is-seduta tas-16 ta' Ġunju 2022;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ħsara li seħħet f'sink, kif ukoll nuqqas jew allegazzjoni ta' nuqqas ta' tqegħid sew ta' l-istess sink u *vanity unit* skont il-*hinges* użati;

Illi jidher mal-ewwel li s-soċjetà MRCD Ltd kienet is-soċjetà li biegħet l-imsemmija oġġetti tal-kamra tal-banju però m'hemm l-ebda allegazzjoni li dawn l-oġġetti kellhom xi difett moħbija jew ma kinux tal-kwalita' pattwita, u għalhekk f'din il-pendneza s-soċjetà MRCD Ltd ma tinkwadrax u m'għandha l-ebda responsabbiltà fir-rigward;

Illi jingħad mal-ewwel li min jallega jrid jipprova u dan skont kif ripetutament deċiż minn dan it-Tribunal u in linea ma' sentenzi tal-Qrati nostrani fosthom sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fl-ismijiet ***"Ġemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited"***, mogħtija fit-13 ta' Jannar, 1999;

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

Illi f'din is-sentenza l-obbligu tal-prova dejjem jinkombi lil min jallega xi ħaġa u dan skont l-Artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi fil-każ odjern Rita Schembri qed tallega li l-*hairline crack* li skopriet fil-lejl tal-20 ta' Marzu, 2021 kien b'konsegwenza tax-xogħol ħażin illi wettaq l-intimat Pierre Camilleri;

Illi din l-allegazzjoni ma tiġix riskontrata bl-ebda mod mill-provi imressqa quddiem it-Tribunal;

Illi anke mir-ritratti ppreżentati mill-istess rikorrenti jidher li l-*hairline crack* seħħet meta xi ħaġa waqqħet fuq l-imsemmi *sink* u huwa inverosimili illi dan ix-xaqq seħħ matul il-lejl sakemm ma waqax xi ħaġa fuq dan is-sink dak il-ħin;

Illi rigward il-*cabinet* li dwarhom ukoll sar ilment min-naħa tar-rikorrenti jidher illi dan jista' faċilment jiġi irranġat billi l-*hinges* ta' fuq u ta' taħt jiġu aġġustati skont il-każ;

Illi l-provi mressqa daparti tar-rikorrenti bl-ebda mod ma juru b'mod konklussiv illi l-intimat Pierre Camilleri għamel xogħol ħażin li seta' kellu effett u li b'konsegwenza ta' tali xogħol ħażin seħħet il-*hairline crack* fis-sink li tidher fir-ritratti preżentati;

Decide

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati, u fiċ-ċirkustanzi tal-każ u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, t-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jiċħad it-talba ta' Rita Schembri u Jilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà MRCD Ltd, u ta' Pierre Camilleri, b'dan illi Jordna lil Pierre Camilleri jirranġa fi żmien ġimgħa mil-lum il-*cabinet* it-twila u ċioe l-*hinges* ta' fuq u ta' taħt u jagħmel l-aġġustament neċessarji u dan mingħajr ebda ħlas.

Kull parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru